MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 1145/2003

**BIM Limited**

**Vs**

**Dr Anthony Farrugia LL.D**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ Lm279.80c (mitejn u disgha u sebghin lira Maltin u tmenin centezmu) rappresentanti prezz ta’ office furniture mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut fuq inkarigu tieghu stess, skond ma jirrisulta mill-istatement of account anness ma’ l-Avviz u mmarkat Dok. A.

Illi l-konvenut kien interpellatat ihallas diversi drabi l-istess ammont, inkluz b’ittri ufficjali tat-22 ta’ Ottubru, 1999 u tat-2 ta’ Ottubru, 2001 it-tnejn debitament notifikati, izda baqa’ dejjem inadempjenti minkejja diversi weghdi li kien ser ihallas.

Bl-ispejjez kollha tal-prezenti u dawk ta’ l-ittri giudizzjarji msemmija u bl-imghax kummercjali sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa’ kontumaci;

Sema’ li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa’ t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------